31993D0494

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta'Lulju 1993

li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe

(93/494/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-prodotti mis-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi grupp ta'esperti tal-Kummissjoni għamlu zjara tal-ispezzjoni fil-Gżejjer Faroe sabiex jivverifikaw il-kondizzjonijiet li prmezz tagħhom il-prodotti tas-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lill-Komunità;

Billi d-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Faroe dwar l-ispezzjonijiet u l-monitoraġġ tal-prodotti tas-sajd jistgħu jkunu meqjusa bħala ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE;

Billi Heilsufrodiliga Starvsstovan (Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent), l-awtoritajiet kompetenti tal-Faroe, u d-Dipartiment tas-Sajd, id-Dipartiment tal-Ispezzjoni, huma kapaċi li effettivament jivverifikaw l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

Billi l-proċedura biex jinkiseb iċ-ċertifikat tas-saħħa referut fil-punt (a) tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE għandha tinkludi d-definizjoni tal-mudell taċ-ċertifikat, il-ħtiġiet minimi rigward il-lingwa/i li bihom għandu jkun imħejji u l-grad tal-persuna li għandha il-poter li tiffirmah;

Billi, permezz tal-punt (b) ta' l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE, marka għandha tkun imwaħħla mal-pakketti tal-prodotti tas-sajd, li tgħati l-isem tal-pajjiż terz u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbeliment tal-oriġini jew tal-vapur fabbrika;

Billi, permezz tal-punt (ċ) ta' l-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE, lista ta'stabbilimenti approvati u/jew vapuri fabbrika għandha tkun imħejjija; billi dik il-lista għandha tkun imħejjija fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtijja mill-Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent tal-Kummissjoni; billi huwa għalhekk dover tal-Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent biex tiggarantixxi l-konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

Billi l-Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent provdiet assigurazzjonijiet uffiċjali rigward il-konformità mar-regoli stabbiliti fil-Kapitolu V tal-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE u rigward it-twettieq tal-ħtiġiet ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva għall-approvazzjoni ta'stabilimenti u vapuri fabbrika;

Billi l-miżuri li hemm provediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Heilsufrodiliga Starvsstovan (l-Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent) għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Gżejjer Faroe biex jivverifikaw u jiċċertifikaw il-konformità bejn prodotti tas-sajd mal-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

Artikolu 2

Il-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe għandhom jilħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull konsenja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali tas-saħħa, mimli kif mistħoqq, iffirmat, bid-data u li jkun magħmul minn folja waħda bi qbil mal-mudell stabbilit f'L-Anness A t'hawn;
2. il-prodotti għandhom ikunu minn stabbilimenti approvati jew vapuri fabbrika elenkati f'L-Anness B t'hawn;
3. apparti milli fil-każ ta' prodotti tas-sajd friżati bil-massa u intiżi għall-manifattura tal-ikel priservat, il-pakketti kollha għandhom ikollhom il-kliem 'Gżejjer Faroe' u n-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-oriġini jew tal-vapur fabbrika f'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Iċ-ċertifikati referuti fil-punt 1 ta' l-Artikolu 2 għandhom ikunu mħejjija f'mill-inqas lingwa uffiċjali waħda tal-Istati Membri ta' fejn jitwettqu l-ispezzjonijiet.

2. Iċ-ċertifikati għandhom juru l-isem, il-pożizzjoni u l-firma tar-rappreżentant tal-Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent u t-timbru uffiċjali ta' dan tal-aħħar b'kulur differenti minn dak tal-indikazzjonijiet l-oħra fuq iċ-ċertifikat.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 1993.

Artikolu 5

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, it-23 ta'Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għall-prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Gżejjer Faroe u ntiżi għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea

Numru ta' Riferenza:

Pajjiż tad-dispaċċ: Gżejjer Faroe

Awtorita` kompetenti: Heilsufrodiliga Starvsstovan (Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent)

Dipartiment tal-Ispezzjoni: Divizjoni tas-Sajd

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

Deskrizzjoni tal-prodott:

— l-ispeċje (isem xjentifiku): .....

— il-preżentazzjoni tal-prodott u t-tip tat-trattament [1]: .....

Numru tal-Kodiċi (meta possibbli): .....

Tip ta'pakkett: .....

Numru ta'pakketti: .....

Piż nett: .....

Temperatura meħtieġa għall-ħażna u għat-trasport: .....

II. **L-oriġini tal-prodotti**

Isem (ismijiet) u numru(i) tal-approvazzjoni uffiċjali tal-istabiliment(i) jew tal-vapuri fabbrika approvati mill- Istituzzjoni tal-Ikel u l-Ambjent għall-esportazzjoni lejn il-Komunità:

.....

.....

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

minn: .....

(pajjiż minn fejn jintbagħtu)

lejn: .....

(pajjiż u post fejn sejrin)

bil-mezz tat-trasport li ġej: .....

Isem u indirizz ta'min qiegħed jibgħat: .....

.....

.....

Isem ta' min jirċievi l-oġġetti u l-indirizz tal-post tad-destinazzjoni: .....

.....

.....

IV. **Attestat tas-saħħa**

L-ispettur uffiċjali hawn jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd elenkati hawn fuq:

1. kienu mgħaqbuda u mgħoddija bl-idejn fuq il-vapur skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti fid-Direttiva 92/48/KEE jew, meta jiġu minn vapur li jintuża bħala fabbrika, skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

2. ġew maħtuta, mgħoddija bl-idejn u meta ippakkjati kif suppost, preparati, proċessati, friżati, imnehhija mill-friża u maħżuna iġenikament skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitolu II, III u IV tal-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

[1] Ħajjin, refriġerati, immelħin, iffumigati, ippriservati, eċċ.

3. ghaddew minn kontrolli tas-sahha skond il-Kapitolu V tal-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

4. huma pakkjati, immarkati, mahżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII tal-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

5. ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċji li fihom il-biotossini;

6. saru fuqhom it-testijiet organoleptiċi, parassitoloġiċi, kemikali u microbioloġiċi stabbiliti ghal ċerti kategorijji ta' prodotti tas-sajd bid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet tal-implimentazzjoni taghha;

7. kif ukoll, meta l-prodotti tas-sajd huma ffriżati jew molluski bivalvi proċessati; il-molluski jkunu ġew akwistati minn taqsimiet ta' produzzjoni soġġetti ghall-kondizzjonijiet li huma tal-anqas ekwivalenti ghal dawk stabiliti bid-Direttiva 91/492/KEE.

Mghmula ....., fi .....
(post) (data)

Timbru Uffiċjali TT

.....
Firma tal-ispettur uffiċjali

(isem b'ittri kbar, il-pożizzjoni u l-kwalifiki tal-persuna li tiffirma)

L-ANNESS B

Lista ta'stabbilimenti approvati u vapuri fabbrika

Numru appapprovat	Isemm	Indirizz	Termini
I. **Stabilimenti**			
101	P/F Norõurfisk	Árnafjørõur	1. 11. 1994
102	P/F Kósin	Klaksvík	1. 11. 1994
103	P/F Eyst-lax	Klaksvík	1. 11. 1994
104	P/F Regulus	Klaksvík	1. 11. 1994
105	P/F Andreas Sørensen	Hvannasund	1. 11. 1994
106	P/F Hvannasunds Fiskavirki	Norödepil	1. 11. 1994
107	P/F Klaksvíkar Roykivirki	Klaksvík	1. 11. 1994
108	P/F Northern Fish Cold Storage Ltd	Klaksvík	1. 11. 1994
109	P/F Calder Seafood	Klaksvík	1. 11. 1994
110	Jákup Eli Steffensen	Árnafjørõur	1. 11. 1994
111	Ewald Weihe	Skála	1. 11. 1994
112	P/F Glyvra Skerivirki	Glyvrar	1. 11. 1994
113	Hans Høghamar	Eiõi	1. 11. 1994
114	P/F Nósi	Oyndarfjørõur	1. 11. 1994
115	P/F Atlantic Seafish	Toftir	1. 11. 1994
116	P/F Faroe Fishfarming	Søldarføjrõur	1. 11. 1994
117	I/F Esalar	Oyarbakki	1. 11. 1994
118	P/F Kári Hansen	Strendur	1. 11. 1994
119	P/F Fiskamarknaõur Føroya	Toftir	1. 11. 1994
120	Kristian Hansen	Fuglafjørõur	1. 11. 1994
121	P/F Handlis & Frzstivirkiõ	Fuglafjørõur	1. 11. 1994
122	P/F Harfrost	Fuglafjørõur	1. 11. 1994
123	P/F Fiskavirkiõ í Gøtu	Norõagøta	1. 11. 1994
124	Joen J. M. Jacobsen	Glyvrar	1. 11. 1994
125	P/F Kassavirkiõ á Bakka	Glyvrar	1. 11. 1994
126	P/F Lynfrost	Saltangará	1. 11. 1994
127	P/F Nykur	Toftir	1. 11. 1994
128	Hans J. Højgaard	Runavík	1. 11. 1994
129	P/F Frost	Leirvík	1. 11. 1994
130	P/F Norõís	Eiõi	1. 11. 1994
131	P/F O. C. Joensen	Oyri	1. 11. 1994
132	P/F Stranda Flakavirki	Strendur	1. 11. 1994
133	P/F Pelagos	Fuglafjørõur	1. 11. 1994
134	P/F Fiskpakk	Oyndarfjørõur	1. 11. 1994
135	P/F Varõhorn	Strendur	1. 11. 1994
136	P/F Enniberg (Farcod)	Skála	1. 11. 1994
137	Neviõ	Runavík	1. 11. 1994
138	Steingrím Joensen	Toftir	1. 11. 1994
139	Joen J. Johannesen	Sõdarfjørõur	1. 11. 1994
140	P/F Bacalao	Tõrshavn	1. 11. 1994
141	P/F Víkavirkiõ	Haldarsvík	1. 11. 1994
142	P/F Vestmanna Fiskavirki	Vestmanna	1. 11. 1994
143	P/F H. J. Niclassen	Hesti	1. 11. 1994
144	Salemon Jacobsen	Kollafjørõur	1. 11. 1994
145	P/F Flakavirkiõ	Nólsoy	1. 11. 1994
146	Kjartan Jacobsen	Kaldbak	1. 11. 1994
147	P/F Vestsalmon	Kollafjørõur	1. 11. 1994
148	P/F Salmfood	Kollafjørõur	1. 11. 1994
149	Eirikur Samuelsen	Haldarsvík	1. 11. 1994
150	P/F Laxfisk	Hósvík	1. 11. 1994
151	Neystiõ hjá Ingolf	Norõskála	1. 11. 1994

Numru appapprovat	Isemm	Indirizz	Termini
152	P/F Føroya Havsøla	Kaldbak	1. 11. 1994
153	P/F Tór Seafood	Saltangará	1. 11. 1994
154	Kaj Aage Jensen	Haldarsvík	1. 11. 1994
155	P/F Sammfisk	Tórshavn	1. 11. 1994
160	P/F Snarfrost	Miõvágur	1. 11. 1994
161	P/F Sørvágs Flakavirki	Sørvágur	1. 11. 1994
162	P/F 28/11-1986 (Kovin)	Sandavágur	1. 11. 1994
164	P/F West Prawns	Sandavágur	1. 11. 1994
170	P/F Skopunar Flakavirki	Skopun	1. 11. 1994
171	P/F Sands Fiskavirki	Sandur	1. 11. 1994
172	P/F Belofisk	Sandur	1. 11. 1994
180	P/F Á Tjørn	Vági	1. 11. 1994
181	P/F Tvøroyrar Flakavirki	Tvøroyri	1. 11. 1994
182	P/F Suõuroyar Roykivirki	Porkeri	1. 11. 1994
183	P/F Polarfrost	Vági	1. 11. 1994
184	P/F Fiscofar	Lopra	1. 11. 1994
185	P/F Sammvirki	Nes, Hvalba	1. 11. 1994
187	P/F Proex	Hvalba	1. 11. 1994
188	P/F Á Mølini	Sumba	1. 11. 1994

II. **Vaputi Fabbrikka**

200	Artic Viking	Kollafjørõur	1. 11. 1994
203	Enniberg	Tórshavn	1. 11. 1994
205	Hvilvtenni	Leirvík	1. 11. 1994
206	Høgifossur	Sandavágur	1. 11. 1994
209	Ocean Castle	Skáli	1. 11. 1994
210	Oknin	Saltangará	1. 11. 1994
211	Olympic Champion	Kollafjørõ	1. 11. 1994
214	Skálaberg	Klaksvík	1. 11. 1994
215	Sólborg	Vágur	1. 11. 1994
216	Ran	Vágur	1. 11. 1994
217	Sundaberg	Klaksvík	1. 11. 1994
218	Vesturvón	Sørvágurur	1. 11. 1994
220	Polar Sea	Tórshavn	1. 11. 1994
221	Beinir	Tórshavn	1. 11. 1994
227	Norõbúgvin	Tórshavn	1. 11. 1994
228	Sævarklettur	Dalur	1. 11. 1994